**15 ta' Jannar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Alessandro Stilon Depiro et.

*versus*

Edmea Galea et.

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Destinazzjoni tal-Fond — Lukanda.**

*Il-fatt li l-gestur ta' lukanda jippermetti lil xi klijenti tiegħu li jsajru fil-kmamar tagħhom, u anki eċċezzjonalment idaħħlu*

*xi għamara tagħhom, ma jikkostitwix kambjament ta' destinazzjoni tal-fond.*

*Hemm distinzjoni bejn is-sempliċi kiri ta' kmamar ammobiliti u l-ġestjoni ta' lukanda. U fin-nuqqas ta' definizzjoni legali tal-kelma "lukanda", hu kriterju tajjeb ta' demarkazzjoni dan illi, fil-każ ta' lukanda l-ġestur iżomm ukoll iċ-ċwievet tal-kmamar u jkollu aċċess għalihom, u jaħseb għat-tindif tagħhom u jippresta servizzi oħra huwa nnifsu jew per mezz tal-impjegati tiegħu. Ladarba l-ġestur tal-lukanda, jibqa' jippresta dawn is-servizzi lill-klijenti tiegħu, u biex ikollu l-aċċess għall-kmamar tal-klijenti tiegħu jżomm ċ-ċwievet tal-kmamar, ma hemmx kambjament ta' destinazzjoni tal-fond lukanda.*

***Il-prinċipju legali li fuqu hija bażata deċiżjoni tal-Bord tal-Kera f'dan is-sens huwa korrett; u ma hemmx lok għall-indaġini tal-Qorti tal-Appell dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Bord, billi dan huwa nsindakabbli meta l-punt ta' dritt ikun ġie deċiż sewwa.***

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tal-ewwel ta' Diċembru 1961, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari tal-inappellabbilità tad-deċiżjoni tal-Board u ġie ordnat li l-appell jiġi trattat fil-meritu;

Semgħet din it-trattazzjoni, rat l-atti kollha tal-kawża, u kkunsidrat;

Fis-sentenza appellata ġie ritenut (wara li ġew dettaljatament esposti l-fatti li l-Bord deherlu li kienu jirriżultaw mill-provi) illi l-intimati ma biddlux i d-destinazzjoni tal-fond billi qegħdin jippermettu lil xi klijenti tagħhom illi jsajru fil-kmamar tagħhom u eċċezzjonalment anki jdaħħlu xi għamara;

L-appellanti jikkontestaw din il-konklużjoni, billi jsostnu illi użu simili tal-fond jikkostitwixxi sempliċi kiri ta' kmamar ammobiliti jew le inkonsistenti ma' ġestjoni ta' lukanda. Jekk dan hu hekk, ikomplu jgħidu l-appellanti, allura hemm tibdil ta' destinazzjoni, almenu ta' parti mill-fond, u dan hu biżżejjed biex jikkostitwixxi lill-appellati

f'kontravvenzjoni tal-obligazzjonijiet tal-lokazzjoni, u *kwindi suġġetti għat-telf tad-dritt ta' rilokazzjoni;*

Fil-fehma tal-Qorti, il-lanjanza tal-appellanti ma hix legalment fondata. Il-konklużjoni li wasal fiha l-Bord, kif fuq intqal, ġiet bażata fuq il-ġurisprudenza, li rriteniet illi hemm distinzjoni bejn is-sempliċi kiri ta' kmamar ammobiliti u l-ġestjoni ta' lukanda. Fin-nuqqas ta' definizzjoni legali tal-kelma "lukanda", huwa kriterju tajjeb ta' demarkazzjoni dan, illi fil-każ ta' lukanda l-ġestur iżomm ukoll iċ-ċwievet tal-kmamar u jkollu aċċess għalihom, u jaħseb għat-tindif tagħhom u jippresta servizzi oħra hu nnifsu jew permezz tal-impjegati tiegħu (ara Vol. XXIV-IV-988; Vol. XXXII-IV-1014);

Dan hu l-kriterju legali adottat mill-Bord konformement għal dik il-ġurisprudenza, u din il-Qorti taqbel miegħu; u għalhekk ma jistgħax jingħad illi l-punt ta' liġi li ta lok għall-appell ġie deċiż ħażin;

Il-bqija hu kollu sempliċi applikazzjoni ta' dak il-kriterju għall-fatti kif aċċettati mill-Bord. Il-Bord deherlu li *mill-provi jirriżulta illi l-intimati, anki fil-każijiet fejn* krew kmamar għal tul ta' żmien, u ppermettew lill-klijenti li jsajru fihom, u anki eċċezzjonalment idaħħlu l-għamara tagħhom bagqgħu b'dan kollu jipprestaw servizzi, bħal ma huma t-tindif tal-kmamar fornitura ta' bjankerija tassoddod għal min irid u ħasil tagħha, u servizzi varji oħra; u biex ikollhom aċċess għall-kmamar għandhom f'idejhom ċavetta tal-kmamar kollha;

Dawn huma kollha apprezzamenti ta' fatt u valutazzjoni ta' provi, li mhumiex sindakabbli minn din il-Qorti, ġa ladarba l-prinċipju legali li fuqu mexa l-Bord hu korrett. Għalhekk skond il-konklużjoni tal-Bord, ma kienx hemm da parti tal-appellati ebda użu tal-fond, anqas in parti, li ma hux legalment konsistenti ma' ġestjoni ta' lukanda;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.